**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**George Grech**

**Kumpilazzjoni Numru: 340/14**

**Illum, it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra George Grech detentur tal-karta tal-identità bin-numru 38261M

Akkuzat talli nhar il-05 ta' Dicembru 2013, gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta` handbag bi flus kontanti, mobile phone, dokumenti u ogetti ohra, ghad-detriment ta' Stephanie Zerafa u/jew ta' persuna/i ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-

valur li ma jeccedix l-elfejn tlet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat;

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 279(a) u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat George Grech hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u wara li semghet ix-xhieda tal-Psikjatra Dr David Cassar tqis li piena karcerarja mhiex wahda idonea u ghalhekk timponi Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin u kif ukoll Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ghall-tliet (3) snin u kif ukoll liema Ordnijiet ghandhom jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk dawn l-ordnijiet ma jigux obduti.

------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**